



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14692/23
PV CONS 50
AGRI 648
PECHE 475

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
23 u 24 ta' Ottubru 2023

LAQGHATAT-TNEJN 23 TA' OTTUBRU 2023

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 14003/23 + COR 1.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

14239/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

14241/23

Trasport

1. Revizzjoni tad-Direttiva dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS)



14005/23

PE-CONS 35/23

TRANS

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-18.10.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

Impjiegi u Politika Soċjali

2. **Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol**  13888/23 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 48/23
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-18.10.2023 SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (a) TFUE), bl-astensjoni tal-Bulgarija, l-Ungerija u l-Polonja. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Suq Intern u Industrija

3. **Direttiva dwar kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod**  13942/1/23 REV 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv + REV 1 ADD 1
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-18.10.2023 PE-CONS 37/23
CONSOM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

4. **Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej (EuGB)**  13940/23
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv + ADD 1
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.10.2023 + ADD 2 REV 1
PE-CONS 27/23
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE), bl-astensjoni tal-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Awstrija. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

5. **Estensjoni tar-Regolament dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi**  13941/23
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 54/23
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.10.2023 POLCOM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

6. **Regolament dwar l-istrument kontra l-koerċizzjoni (ACI)**  13939/23
Adozzjoni tal-att leġislattiv + ADD 1-2
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.10.2023 PE-CONS 34/23
COMER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

SAJD

3. **Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 applikabbli fil-Baħar Baltiku**  14259/23
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE) 12451/23 + ADD 1
Qbil politiku 14024/1/23 REV 1

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku.

4. Laqgħa Annwali tal-ICCAT 13780/23 + COR 1
(New Cairo, l-Eġittu, 13-20 ta' Novembru 2023)
Skambju ta' fehmiet

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

AGRIKOLTURA

5. **Direttiva Qafas dwar l-Iskart – aspetti relatati mal-ikel**  13994/23
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-aspetti relatati mal-ikel tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, u kellu skambju ta' fehmiet dwar dawn l-aspetti abbażi tan-nota tal-Presidenza (13994/23).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

6. Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna¹ 14087/1/23 REV 1
Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

Agrikoltura

7. a) **L-impatt tas-suq tal-karbonju tal-UE fuq is-settur agrikolu u l-industrija agroalimentari**  13930/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Pollakka dwar l-impatt tas-suq tal-karbonju tal-UE fuq is-settur agrikolu u l-industrija agroalimentari. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

- b) Eżiti tal-laqgħa V4 tal-Ministri responsabbli għall-agrikoltura 14236/23
(Znojmo, ir-Repubblika Ċeka, 26 ta' Settembru 2023)
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, fisem id-delegazzjoni Ċeka, dik Pollakka, dik Slovakka u dik Ungeriża
- c) Prospetti ta' biedja organika 14304/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Ċiprijotta, Daniża, Finlandiża, Kroata, Latvjana, Maltija, Rumena, Ungeriża u Żvediża
- d) L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju "ad hoc" effiċjenti, flessibbli u sempliċi f'każ ta' kriżi 14350/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata u dik Slovena, appoġġati mid-delegazzjoni Bulgara, Ċiprijotta, Griega, Maltija, Portugiża u dik Ungeriża

¹ Fil-preżenza tal-Ministru Ukren għall-Politika Agrarja u l-Ikel

- e) **Patt ġdid għall-Bdiewa – kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi attwali għas-settur tal-biedja tal-UE**  14320/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi attwali għas-settur tal-biedja tal-UE. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

- f) **Proposti leġislattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8)
tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Regolament dwar iċ-ċertifikazzjoni għall-assorbimenti tal-karbonju: Aspetti agrikoli u tal-forestrija – is-sitwazzjoni attwali  14367/23
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-aħħar żviluppi fid-diskussjonijiet fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-aspetti relatati mal-agrikoltura u l-forestrija tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-assorbimenti tal-karbonju. Ħa nota wkoll tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- g) **Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 dwar il-politika ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agroalimentari** 14469/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana

LAQGĦAT-TLIETA 24 TA' OTTUBRU 2023

SAJD

3. **(tkompliġa) Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 applikabbli fil-Baħar Baltiku**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku
Ara l-paġna 4.

☐ 14259/23
12451/23 + ADD 1
14024/1/23 REV 1

-
- ❶ L-ewwel qari
- ☐ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- ☐² Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 14241/23

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"L-emenda għad-Direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol tintroduċi referenza regolatorja ġdida għal "fibri b'dijametru ta' inqas minn 0.2 mikrometri". Peress li, ladarba jintemm il-perjodu tranżitorju ta' sitt snin, l-għadd ta' fibri ser jiġi ddeterminat mill-valur numeriku tad-dijametru aktar baxx, kien ikun utli li dak il-valur jiġi ddefinit ukoll fil-qafas tad-Direttiva, minflok ma jitħalla f'idejn l-Istati Membri individwali.

Dan għaliex, fin-nuqqas ta' dijametru aktar baxx speċifikat, stazzjonijiet ta' monitoraġġ differenti ser jiksibu riżultati ta' kejl differenti, skont id-definizzjoni u l-metodu ta' evalwazzjoni nazzjonali. Peress li d-determinazzjonijiet isiru biss fuq bażi nazzjonali, ir-riżultati tal-analiżi miksuba minn Stat Membru wieħed ma jistgħux jintużaw f'ieħor.

Għalhekk, sabiex jinżammu ċ-ċertezza legali fl-UE kollha u l-komparabbiltà tal-konċentrazzjonijiet tal-fibri tal-asbestos, u biex ikun jista' jitlesta l-iżvilupp ta' metodi u programmi ta' kejl nazzjonali għall-metodu l-ġdid ta' għadd b'riżoluzzjoni oġġla għall-fibri rqaq tal-asbestos fil-perjodu tranżitorju ta' sitt snin, kien ikun aħjar li kieku jiġi speċifikat dijametru aktar baxx tal-fibra fil-livell tal-UE.

Għalkemm dan mhuwiex il-każ bħalissa, aħna nirrakkomandaw approċċ konġunt ikkoordinat mill-Istati Membri f'dak ir-rigward. Fl-opinjoni tagħna, 50 nm jistgħu jiġu stabbiliti bħala l-valur għad-dijametru aktar baxx. B'hekk jiġi kkunsidrat it-tfassil analitiku kif ukoll dak tossikoloġiku u soċjoekonomiku."

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Direttiva dwar kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tikkonferma l-appoġġ tagħha għall-ftehim ta' compromess milħuq mill-istituzzjonijiet dwar l-abbozz ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fir-rigward ta' kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE, li huwa rifless fl-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew fil-5 ta' Ottubru 2023.

Għalkemm m'aħniex kompletament sodisfatti bir-regoli kollha previsti mill-abbozz ta' Direttiva, b'mod ġenerali nqisuh bħala test leġislattiv tajjeb u bilanċjat.

Madankollu, nitolbu lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri matul il-proċess ta' traspożizzjoni sabiex tesplora aktar kwalunkwe problema li tista' tinqala' f'dak l-istadju. L-effettività tar-regoli l-ġodda ser tiddependi fuq l-applikazzjoni xierqa tagħhom, u l-appoġġ mill-Kummissjoni jista' jippromwovi l-adozzjoni ta' approċċi uniformi, u b'hekk jiġu evitati każijiet ta' arbitraġġ regolatorju mhux intenzjonat li jista' jifframmenta s-suq intern. Tabilħaqq, infakkru li minbarra t-tisħiħ tal-fiduċja fis-swieq finanzjarji billi jiġu protetti l-konsumaturi mir-riskji assoċjati mad-diġitalizzazzjoni, l-oġettiv ewlieni l-ieħor ta' din il-proposta leġiżlattiva huwa li tkompli ssaħħaħ il-moviment liberu tas-servizzi finanzjarji fis-suq uniku, filwaqt li toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti għal attivitajiet u riskji simili fost id-diversi operaturi."

Dwar il-punt "A"
nru 4:

Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej (EuGB)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"Minħabba l-ħtieġa li jiġi evitat il-greenwashing fis-suq tal-bonds, sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ fost kategoriji differenti ta' titoli mingħajr ekwità, u fin-nuqqas ta' reġim ta' divulgazzjoni armonizzat għal bonds, derivattivi, u titoli oħra mingħajr ekwità li jiġu rreklamati bħala li jqisu l-fatturi ESG jew li jsegwu l-oġettivi ESG, il-Kunsill jafferma l-intenzjoni tiegħu li jeżamina bir-reqqa l-proposta tal-Kummissjoni għal rekwiżit li tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwistjonijiet ESG fil-Prospett għal titoli mingħajr ekwità fil-kuntest tan-negozjati dwar l-Att dwar il-Kwotazzjoni fil-Borża."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja tibqa' tal-fehma li l-enerġija nukleari mhijiex sostenibbli. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-istandard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi huwa marbut mar-Regolament dwar it-Tassonomija, ma nqisux l-inklużjoni tal-enerġija nukleari bħala adatt għall-finijiet tal-ħolqien ta' standard tad-deheb għall-bonds ekoloġiċi. Għalhekk, il-Ġermanja ma tistax tappoġġa l-qbil politiku dwar ir-Regolament dwar il-Bond Ekoloġiku Ewropew fl-intier tiegħu."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Aħna nappoġġaw miżuri li ser jgħinu biex ir-riżorsi finanzjarji jiġu diretti lejn is-sostenibbiltà. Għalhekk, l-Awstrija għandha wkoll fehma pożittiva dwar l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi. Madankollu, dejjem segwejna l-għan li nistabbilixxu tassonomija kredibbli u bbażata fuq ix-xjenza u nirrifjutaw li l-investimenti nukleari jistgħu jikkwalifikaw bħala attivitajiet ta' tranżizzjoni. Nilqgħu bi pjaċir l-obbligi ta' divulgazzjoni għal tali investimenti inklużi fit-test, minkejja li setgħu kienu aktar prominenti. Nirrispettaw bis-sħiħ is-sovranià nazzjonali kif ukoll id-dritt Ewropew u internazzjonali fir-rigward tal-politiki nazzjonali dwar l-enerġija, iżda l-klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi fil-kuntest tal-enerġija nukleari bħala sostenibbli titqies minna bħala greenwashing."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tittratta b'ħeffa kwalunkwe mandat potenzjali biex jiġu żviluppati annessi standardizzati għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-Ambjentali, is-Soċjali u l-Governanza (ESG) fil-Prospett tal-UE, filwaqt li titqies l-esperjenza bil-linji gwida volontarji mħejjija għall-bonds ekoloġiċi fir-Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej."

Dwar il-punt "A" **nru 6:**

Regolament dwar l-istrument kontra l-koerċizzjoni (ACI)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament (UE) 2023/... dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi

"Il-koerċizzjoni ekonomika tista' taffettwa kwalunkwe qasam tal-attivitajiet tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u jista' jkollha implikazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u legali kumplessi. Dan ir-Regolament huwa rispons meħtieġ u effettiv għall-koerċizzjoni ekonomika u jopera permezz ta' deterrenza iżda jista' jwassal għall-adozzjoni ta' kontromiżuri, fejn meħtieġ fl-aħħar istanza. Dan ir-Regolament ma għandu ebda preċedent, huwa mfassal bir-reqqa u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-implikazzjonijiet sinifikanti ta' każijiet ta' koerċizzjoni ekonomika. Minn dan isegwi li dan ir-Regolament u l-approċċi fih, b'mod partikolari l-ġoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 4, huma strettament speċifiċi għas-suġġett u ma jikkostitwixxux preċedent għal fajls leġiżlattivi oħra bbażati fuq l-Artikolu 207 TFUE, jew biex jiġu proposti tali atti. Bl-istess mod, ir-regoli dwar l-użu tal-proċedura ta' eżami fir-rigward tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni miftiehma f'dan l-istrument ma jippreġudikawx l-eżitu ta' negozjati leġiżlattivi oħra li għaddejjin jew futuri u ma għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal fajls leġiżlattivi oħra. Dan ir-Regolament għalhekk ma għandux jitqies bħala preċedent għal atti oħra."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-użu tal-proċedura ta' eżami għall-miżuri ta' rispons tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/XXX dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi

"Il-Kummissjoni hija impenjata li tikkooopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-Istati Membri tal-UE fl-applikazzjoni tal-Istrument tal-UE Kontra l-Koerċizzjoni, fl-istadji kollha, skont ir-regoli applikabbli u l-aħjar prattiki. Il-Kummissjoni tinnotta li l-ġoti ta' rispons komuni tal-UE ser jappoġġa l-karatteristiċi ewlenin tal-istrument, jiġifieri, id-deterrenza u l-effettività, u ser ikun l-aktar xieraq fid-dawl tan-natura sensittiva tal-istrument."

Il-Kummissjoni tenfasizza li fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, dawk is-soluzzjonijiet bl-akbar appoġġ possibbli jistgħu jinkisbu minħabba n-natura u l-impatt tal-azzjoni tal-Unjoni skont ir-regolament. L-applikazzjoni ta' dan ir-regolament teħtieġ valutazzjoni ta' kwistjonijiet ekonomiċi, ta' politika u legali kumplessi li tipprovdni marġni sostanzjali għall-għażla ta' soluzzjonijiet, u b'mod partikolari dawk li għandhom l-akbar appoġġ possibbli tal-Istati Membri tal-UE.

F'dan ir-rigward, fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha skont ir-Regolament, u skont ir-regoli u l-prinċipji ġenerali stabbiliti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 182/2011, il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari biex toffri opportunitajiet bikrija u effettivi lill-kumitat tal-Istati Membri tal-UE biex jeżamina kwalunkwe abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u jesprimi fehmiet qabel il-votazzjoni, u, f'kull ħin, biex taħdem lejn soluzzjonijiet li jiksibu l-akbar appoġġ possibbli mill-Istati Membri tal-UE fi ħdan il-kumitat. Soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, il-Kummissjoni ser tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l-analiżi tal-miżuri previsti msemmija fl-Artikolu 13(4) fil-pront meta jiġu ppreżentati lill-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser tiġbed l-attenzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill meta l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni previsti jkunu relatati ma' dawk deskritti fl-Artikolu 8(4).

Barra minn hekk, f'każ li kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni dwar abbozz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ser tqis bis-sħiħ il-fehmiet espressi fil-kumitat u ser tipprijoritizza r-ritorn lill-kumitat b'abbozz ta' att emendat, sabiex jiġi żgurat l-akbar appoġġ possibbli għal opinjoni pożittiva b'kunsens jew b'maġġoranza kwalifikata favur fir-rigward ta' abbozz ta' att emendat. Jekk ikun meħtieġ li jsir rikors għall-kumitat ta' appell, il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar kunsiderazzjoni lill-fehmiet espressi fil-kumitat ta' appell u taħdem lejn l-adozzjoni ta' miżuri li huma bbażati fuq l-aktar appoġġ wiesa' possibbli għal opinjoni pożittiva b'kunsens jew b'maġġoranza kwalifikata favur. Fil-każ li l-kumitat ta' appell ma jagħti l-ebda opinjoni dwar abbozz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tagħxi b'tali mod li tevita li tmur kontra kwalunkwe pożizzjoni predominanti fi ħdan il-kumitat ta' appell kontra l-adegwatezza tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni."

Dikjarazzjonijiet għall-punti “B”

Dwar il-punt “B” nru 3:

Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 applikabbli fil-Baħar Baltiku
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aringa tal-Botnja u dwar l-aringa tal-Baltiku Ċentrali

"Il-Kummissjoni tieħu nota tad-deċizzjoni tal-Kunsill biex il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għall-aringa tal-Botnja u għall-aringa tal-Baltiku Ċentrali jiġu stabbiliti f'livelli baxxi, kif ukoll jiġu stabbiliti miżuri ta' rimedju mmirati biex daww l-istokkijiet jiġu rikostitwiti għal livelli superjuri mill-MSY Btrigger.

Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Kunsill ma ddeċidix li jagħlaq is-sajd immirat għaż-żeżw stokkijiet għall-2024, billi dan kieku jippermetti rkupru aktar rapidu tal-istokkijiet."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet pluriennali

"Il-Kummissjoni tifhem ir-raġunijiet għat-talbiet tal-Istati Membri biex jippreżentaw proposta għal emenda mmirata tal-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Punent. Il-Kummissjoni tfakkar li skont it-Trattat, hija għandha d-dritt ta' inizjattiva leġislattiva. B'mod partikolari, hija l-Kummissjoni li għandha tiddetermina l-iskedar u l-kontenut ta' kwalunkwe tali proposta li ser tiġi ppreżentata."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, il-Finlandja u l-Iżvezja dwar il-ġestjoni tas-sajd għas-salamun fis-subdiviżjonijiet 29N u 30

"Il-Finlandja u l-Iżvezja jqisu li l-istokk tas-salamun Ljungan sofra minn marda, iżda li s-sitwazzjoni għall-istokk żviluppat b'mod pożittiv fl-2023 b'ċiklu akbar ta' riproduzzjoni u b'għadd stmat akbar ta' salamun żgħir.

Il-Finlandja u l-Iżvezja jqisu wkoll li l-probabbiltà li jintlaħaq il-Blim għall-istokk tas-salamun Ljungan sa ċertu punt tiddependi mill-mortalità mis-sajd. Għalhekk, huma jqisu li miżuri ta' ġestjoni mmirati huma aktar effettivi għall-irkupru tal-istokk tas-salamun Ljungan.

Il-Finlandja u l-Iżvezja jqisu li bidu mdewwem tas-sajd kummerċjali u rikreattiv għas-salamun sal-20 ta' Mejju 2024 ikun restrizzjoni sinifikanti meta mqabbel mal-bidu fl-1 ta' Mejju kif rakkomandat mill-ICES. Huma jqisu li b'hekk tkun possibbli migrazzjoni bikrija u li s-salamun selvaġġ kbir ta' valur, inkluż individwi mill-istokk tas-salamun Ljungan, ikun jista' jemigra lejn ix-xmajjar riproduttivi tiegħu qabel ma jibda s-sajd tas-salamun. Barra minn hekk, l-Iżvezja tkun lesta li timplimenta restrizzjonijiet reġjonali fuq is-sajd għas-salamun fix-Xmara Ljungan u barra minnha.

Il-Finlandja u l-Iżvezja jaqblu wkoll li TAC imnaqqsqa għal 53 967 salamun hija miżura sinifikanti għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tas-salamun.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Finlandja u l-Iżvezja, ser titlob b'mod urġenti lill-ICES biex jipprovdi parir xjentifiku mill-aktar fis possibbli, dwar il-miżuri ta' ġestjoni li l-Finlandja u l-Iżvezja huma lesti li jistabbilixxu għas-sajd tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 29N u 30. Il-Finlandja u l-Iżvezja ser jipprovdu lill-ICES u lill-Kummissjoni l-informazzjoni xjentifika u l-għarfien espert meħtieġa għal tali parir. Abbażi ta' dak il-parir tal-ICES, il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, ser tippreżenta proposta għal emenda għar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd fil-Baltiku."

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw tal-Punent

"Id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja għadhom imħassba dwar l-istatus tal-bakkaljaw tal-Punent u jibqgħu impenjati għall-irkupru tiegħu. Fl-istess ħin, huma jirrikonoxxu l-importanza soċjoekonomika u kulturali tas-sajd rikreattiv. L-Istati Membri msemmija hawn fuq jappellaw lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ftuħ mill-ġdid tas-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw tal-Punent fi proposti futuri, hekk kif il-pariri xjentifiċi jippermettu l-introduzzjoni mill-ġdid ta' limitu xieraq tal-qabda. Jistgħu jitqiesu wkoll aktar miżuri komuni għas-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw biex jiġi protett l-istokk tal-bakkaljaw tal-Punent, bħad-daqsijiet ta' referenza minimi u massimi."

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent fl-2024

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B_{lim}, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2024. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent."

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fl-2024

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B_{lim}, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dan l-istokk fl-2024. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent."

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fir-rigward tas-salamun fil-baċir ewlieni fl-2024

"Minħabba li fis-subdiviżjonijiet 22-30 tal-ICES kważi l-istokkijiet kollha tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar huma ferm taħt ir-R_{lim}, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2024. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar fis-subdiviżjonijiet 22-30 tal-ICES."

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni, u d-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar skambji ta' kwoti tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent

"Fi spirtu ta' solidarjetà, Stat Membru li m'għandux bżonn il-kwota sħiħa tiegħu ta' qabdiet aċċessorji għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent ser jagħmel ħiltu biex jaqbel dwar skambji ta' kwoti ma' Stat Membru li jista' juri li ser iħabbat wiċċu ma' effett ta' kwoti limitanti minħabba l-kwota limitata tiegħu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent."

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Litwanja u l-Polonja dwar it-trasferimenti tal-kwoti tas-salamun fil-Baċir Ewlieni

"Fi spirtu ta' solidarjetà u b'rikonoxximent tal-isforzi ta' konservazzjoni li saru mill-Finlandja u l-Iżvezja, li wasslu għal stokkijiet b'saħħithom fl-ilmijiet tagħhom, Stat Membru li ma jistax juża l-kwota kollha tiegħu għas-salamun fil-Baċir Ewlieni ser jikkunsidra trasferiment volontarju tal-parti mhux użata jew mhux utilizzabbli ta' dik il-kwota lill-Finlandja u/jew l-Iżvezja."

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u l-Ġermanja dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)

1. "Skont l-Artikolu 5(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-arangi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, il-miżuri ta' rimedju għall-fini tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jistgħu jinkludu miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, taħt ċerti kundizzjonijiet.
2. Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-bakkaljaw u l-aranga fis-subdiviżjonijiet 22-24, il-Ġermanja għaldaqstant tqis li huwa neċessarju li tadotta miżuri ta' emerġenza skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza fis-subdiviżjonijiet 22-24 għall-bastimenti tas-sajd Ġermaniżi jikkonsistu fl-introduzzjoni ta' għeluq ta' 30 jum għall-protezzjoni tal-bakkaljaw flimkien mal-għeluq riproduttiv tal-bakkaljaw stabbilit bl-Artikolu 7(3) tar-Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku li matulhom l-eżenzjoni fl-Artikolu 7(4)(b) ma għandhiex tapplika, u li jillimitaw is-sajd għall-aranga bi 30 jum addizzjonali li matulhom tiġi interrotta l-eżenzjoni għal ċertu sajd kostali fuq skala żgħira mill-projbizzjoni li jiġu mmirati l-arangi tal-Punent, u jillimitaw bi 30 jum addizzjonali wkoll sajd b'qabdiet aċċessorji sostanzjali tal-aranga.
3. Il-Kummissjoni u l-Ġermanja jaqblu li din il-miżura ta' emerġenza hija eliġibbli għall-finanzjament mir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 dment li tkun f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(c) ta' dak ir-Regolament."